Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Seduta** | 06/13 | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 09/05/2013 fis-6.15pm | | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| **Attendenza** | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Preżenti |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |

**06. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Caruana | **Il-minuti 05/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| 06. 1. 1 i | 05.7.25 | Minflok 'Trejqet is-Sagħtar' u minflok 'Trejqet Litfija' li tinsab iktar 'l isfel fl-istess paragrafu, jidħol l-isem ta' 'T~~rejqet Litfij~~a'. Magħdija Hannewija. | | |
| 06. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**06. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 05.2.1 | Segretarjat: Ħsara fuq vettura fi Sqaq San Anard | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li l-Avukata kkonfermat li l-inċident sar fi Triq San Anard u mhux fi Sqaq San Anard. Għaldaqstant il-Kunsill informa lill-Avukata li din it-triq ma taqax taħt il-konfini taż-Żejtun. | |
| 06. 2. 2 | 05.2.2 | Caurana: One way fi Triq Salvu Cacciattolo | Il-Kunsillier Caruana talab lill-Kunsill jikkunsidra li Triq Salvu Cacciattolo issir one way la darba jsiru l-pelican lights. Is-Sindku spjega li din it-triq ser issir one way awtomatikament peress li ser tkun inkluża fit-traffic management propost għal pelican lights f'din iż-żona. | Sindku ~~Camilleri~~ Hales |
| 06. 2. 3 | 05.2.4 | Sindku: Tabelli No Heavy Vehicle Signs fi Triq Nikol Attard | Is-Sindku informa lill-Kunsill li issa inqalgħu 2 tabelli peress li waħda qalaha trakk u l-oħra r-resident ma jridiex imwaħħla mal-faċċata tar-residenza tiegħu. Għaldaqstant iridu jiġu rranġati dawn iż-żewġ tabelli. | Sindku ~~Camilleri~~ Hales |
| 06. 2. 4 | 05.2.5 | Sindku: Permess ta' żvilupp PA953/13 | Is-Sindku spjega lill-Kunsill li s-Segretarajat irreġistra oġġezzjoni mal-MEPA u għalhekk issa l-Kunsill huwa registered objector. | Abela |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 5 | 05.2.6 | Sindku: Restawr ta' pittura | Is-Sur Spagnol ġie għamel on site visit flimkien ma' kollegi tiegħu biex tinħareġ kwotazzjoni għar-restawr tal-pittura fil-bini tal-Kunsill. **Il-Kunsill qabel ukoll li jikteb lill-Heritage Malta sabiex ikollu kwotazzjoni oħra.** | Segretarjat |
| 06. 2. 6 | 05.2.7 | Fenech: Dekasteri | Wara diskussjoni fit-tul li Fenech kellha mas-Sindku, aċċettat id-dekasteri kif stabbiliti mis-Sindku. Is-Sindku spjega li l-Kunsillier Camilleri ser jibqa' jieħu ħsieb l-edukazzjoni mill-Kinder sal-Middle School (Form2) u Librerija Lokali filwaqt li l-Kunsillier Chircop ser ikun responsabbli għas-settur edukattiv mill-Form 3 'l fuq flimkien mal-Kultura u Turizmu. Hawnhekk il-Kunsillier Hales ġibed l-attenzjoni li r-responsabbilta' tal-ġbir ta' skart kienet ingħatatat lilu. Tqassmet ukoll kopja emendata tad-dekasteri kif mfisser hawn fuq. | Sindku |
| 06. 2. 7 | 05.3.2 | Sindku: Karozzi Abbandunati<br>J. Agius | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-iSpettur Mercieca m'għandux fuq id-distrett taż-Żejtun. Minfloku issa hemm l-iSpettur Haber. Il-problema ta' karozzi abbandunati ser titqajjem waqt il-laqgħa li l-Kunsill ser jagħmel mal-Kummissarju tal-Pulizija u kif ukoll ma' l-ispettur il-ġdid. Is-Sindku għamel ftit riċerka u sab li karozza għall-iscrap ta' tiswiex aktar minn Eur50. Huwa avviċina lil Clean Away Service li lest li jiġbor karozzi abbandunati u jzommhom għal żmien hekk kif stipulat fil-liġi a spejjez tiegħu, qabel jeħodhom għall-iscrap. | |
| 06. 2. 8 | 05.3.3 | Chircop: Trasport Pubbliku | Il-Kunsillier Chircop hejja rapport dwar l-ismijiet tal-busstops. Is-Sindku talab lil Chircop sabiex jiddiskuti dan ir-rapport mal-Kunsillier Hales. Il-Kunsillier Caruana, f'isem ir-residenti ta' 'La Fayette', talab sabiex il-bus stop ta' quddiem din il-binja jitressaq k/m Misraħ Carlo Diacono. Is-Sinkdu spjega li din il-problema diġa' tressaq fil-Kunsill preċedenti u ma kienx hemm qbil dwarha. | Hales |
| 06. 2. 9 | 05.3.9 | Agius: Underground bring in site fi Ġnien Brejġu | Il-Kunsilliera Agius spjegat li l-Greenpak ser jirranġaw il-bring in site a spejjez tagħhom. Il-kontenituri ser jitneħħew u minflokom ser jitpoġġew planki sakemm isir ix-xogħol. Hanwhekk il-Kunsilliera Abela talbet sabiex tkun aġġornata fuq kull żvilupp ta' dan il-kaz peress li hija l-Kunsilliera responsabbli. | Abela |
| 06. 2. 10 | 05.3.10 | Viċi-Sindku: Spanish Day | Id-data ta' din l-attivita' ġewwa l-Kulleġġ Santa Margerita hija ta' 17 ta' Mejju, liema data għadha mhiex uffiċjali. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2. | 11 | 05.3.11 | Segretarjat: Għeluq ta' Triq San Pawl waqt il-ħin tal-ħruġ ta' l-iskola | Is-Segretarjat spjega li huwa ssottometta l-applikazzjoni għall-għeluq ta' Triq San Pawl quddiem Trasport Malta. Din l-awtoira' qed titlob deviation routes u traffic management ta' din iż-żona. | Sindku |
| 06. | 2. | 12 | 05.3.2 | Hales: Tindif ta' Triq Ħal Tarxien | Hales informa lill-Kunsill li sar it-tindif ta' Triq Ħal Tarxien u Triq il-Ħotba. Inkrew ukoll 4 skips għat-tindif. | Hales |
| 06. | 2. | 13 | 05.6.1 | Chircop: Sit Elettroniku tal-Kunsill Lokali | Il-Kunsill Chircop informa lill-Kunsill li sar kuntatt ma' kumpanija tal-website fejn din talbet is-somma ta' Eur1,500 sabiex is-sit elettroniku tal-kunsill Lokali Zejtun tiġi rinovata. Din tkun simili ta' Heritage Malta. **Fid-dawl ta' din l-ispiża l-Kunsill qabel nem.con li għandu isib soluzzjoni 'low cost'.** | |
| 06. | 2. | 14 | 05.6.3 | Sindku: Kiosk ta' l-ikel fi Triq il-Ħelsien | Il-Kunsill innoata li din is-sena l-festa tal-lokal mhux ser issir minħabba l-mew ta' l-Arċipriet Dun Eric Overend. | |
| 06. | 2. | 15 | 05.7.1 | Agius: Skola Carlo Diacono | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li fil-Liceo Carlo Diacono għad hemm studenti Żwieten li jattendu dan il-kulleġġ. | |
| 06. | 2. | 16 | 05.7.6 | Viċi-Sindku: Triq Falkunier/Triq Fieres | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ma ttieħdet l-ebda azzjoni dwar il-karozzi għall-bejgħ ipparkjati f'din it-triq. | J. Agius |
| 06. | 2. | 17 | 05.7.7 | Viċi-Sindku: Vann ta' l-anzjani fi stat ħazin | Il-Viċi-Sindku irrapurtat li hi għamlet kunatt maż-Zejtun Day Centre fejn ikkonfermawlha li l-vann li kien fi stat ħażin m'għadux jintuża peress li dan inbidel. | |
| 06. | 2. | 18 | 05.7.8 | Sindku: Awgrui lill-Arċipriet il-ġdid | Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat ittra ta' awguri għall-ħatra ta' l-Arċipriet l-ġdid Dun Nikol Pace. | |
| 06. | 2. | 19 i | 05.7.9 | Viċi-Sindku: Proġett e-Anzjan | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-launch tal-proġett e-Anzjan ser isir fil-15 ta' Ġunju. Ser ikunu mistednin l-Onorevoli Parlamentari l-Ministri Marie Louise Coleiro Preca u Jose Herrera għal-launching ta' dan il-programm. Ser issir laqgħa dwar dan il-proġett fil-15 ta' Mejju bejn Mr Pace, Ms. Xuereb, Ray Abela u l-Viċi-Sindku. | |
| 06. | 2. | 19 ii | | | Il-Kunsilliera Agius qalet li dan il-proġett kien [illegible] f'amministrazzjoni preċedenti fejn hi flimkien mal-Kunsillier Camilleri kienet attendiet għal-laqgħa ma' Ray Abela ta' TCTC iżda d-diskussjoni kienet waqfet. | |
| 06. | 2. | 20 | 05.7.14 | Agius: Notte Bianca 2013 | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li n-Notte Bianca din is-sena ser issir fil-25 ta' Ottubru 2013.(l-ewwel Sibt) | [signature] |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 21 | 05.7.10 | Viċi-Sindku: Attivitajiet għal Jum l-Omm | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li illum żaret lill-anzjani tad-Day Cenre filwaqt li fil-12 ta' Mejju ser iżżur lill-Anzjani taż-Żejtun Home. | Viċi-Sindku Agius |
| 06. 2. 22 | 05.7.10 | Agius: Attivitajiet għal Jum l-Omm | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat lill-Kunsill li l-attivita' ta' Jum l-Omm li saret fit-8 ta' Mejju kienet suċċess. Fi tmiem il-ġimgħa qed jiġi organizzat weekend break għall-familja. | |
| 06. 2. 23 | 05.7.24 | Caruana: WIFI fil-Pjazza | Is-Segretarjat spejga li meta toħroġ sejħa mill-Malta Communications Authority, inressquha quddiem il-Kunsill biex japprova WIFI fil-Pjazza. | |
| 06. 2. 24 | 05.7.27 | Chircop: Ħsara fuq il-kanun | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk sarx xi ħaġa biex jissewwa l-kanun li hemm fil-Pjazza. Is-Sindku spjega li ittieħdu passi dwar dan. | Sindku Hales |
| 06. 2. 25 | 05.7.32 | Hales: Dawl fil-latrina tal-Pjazza | Hales informa lill-Kunsill li ġie irranġat id-dawl tal-latrina tal-Pjazza. Sfortunatament fis-saqaf instabu ammont ta' siringi, kuċċarini u foil. Dan ġie irrapurtat lill-Pulizija li neħħew kollox. | Hales |
| 06. 2. 26 | 05.7.35 | Abela: service road - Triq President A. Buttiġieġ | Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk is-service road ta' Triq President Anton Buttiġieġ issemmitx fil-laqgħa li l-Kunsill kellu ma' l-Onorevoli Mizzi. Is-Sindku spjega li ser titħejja lista ta' xogħlijiet liema lista ser tgħaddi lill-Onor Mizzi. Dwar is-service road ta' Triq President A. Buttiġieġ, din ilha snin fil-programm tal-Kunsill u TM ilhom jafu b'din il-policy . | Sindku |
| 06. 2. 27 | 05.7.37 | Fenech: Misleading Signs f'Ġebel San Martin | Fenech staqsiet jekk sarx xi ħaġa dwar il-misleading signs f'Ġebel San Martin. Is-Sindku spjega li dawn jinsabu fil-lista tax-xogħlijiet. | |

**06. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 1 | 06 | Spettur Kenneth Haber: Attivitajiet ta' Żwiemel fi Triq Ħaż Żabbar | Il-Kunsill innota li l-permess sabiex isiru attivitajiet taż-żwiemel fi Triq Ħaż Żabbar ġie rifjutat mill-Pulizija minkejja li għandom polza ta' asskurazzjoni. Qed isir kuntatt biex ikun hemm ambulanza fuq il-post. | Sindku |
| 06. 3. 2 | 10 | L.Grech: Job Shadowing Experience | **Il-Kunsill approva li tintbagħat studenta miż-Żejtun Secondary School sabiex tagħmel esperjenza ta' 4 t'ijiem ta' xogħol fil-Kunsill Lokali Zejtun.** | Segretarju Ezekuttiv |
| 06. 3. 3 | 13 | R. Cachia Fearne: Primary Health Talks | Il-Kunsilliera Agius ser tieħu hsieb li jiġu organizzati talks tal-kura primarja fis-saħħa. | Agius |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 4 | 17 | Għaqda Mużikali Beland: Għeluq ta' toroq prinċipali | L-Għaqda Mużikali Beland talbet kjarifika għal proċedura dwar għeluq ta' Triq is-Suq. Il-Kunsill innota li qatt ma kien hemm qbil li tingħalaq Triq is-Suq biex isiru l-attivitajiet fiż-żewġ msieraħ tas-Suq. Fil-fatt l-Arriva baqgħu jgħaddu bla xkiel. Il-Kunsill innota wkoll li mal-barrikati kien hemm żewġ Pulizija, għal raġunijiet ta' sigurta'. | Sindku |

**06. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 05/13 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | i | **Il-Kunsill approva wkoll il-kont ta' J & J Schembri għal xogħlijiet ta' tarmak fi Triq Strejnu li jammonta għal Eur131,189.35.** | | |
| 06. 4. 2 | ii | **Il-Kunsill approva wkoll xogħol ta' bankina li sar f'Misraħ Kanonoku Giovanni Vella minn Grezzju Ellul (G.E. Excavation Ltd).** | | |
| 06. 4. 2 | iii | Dwar kont nru. , il-Kunsillier Hales innota li l-Kunsill m'għandux rizorsi umani biżżejjed għax li kieku t-tiswija tal-flushing kienet issir mill-ħaddiema manwali li għandu miegħu l-Kunsill u jiffranka l-labour cost. | | |
| 06. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 05/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**06. 5. Triq Strejnu**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 5. 1 | | Is-Sindku: Jirraporta | Is-Sindku semma l-inċident tat-traffiku ikrah li seħħ nhar l-1 ta' Mejju fi Triq Strejnu fejn tfajla Żejtunija tilfet il-kontroll tal-mutur li kienet qed issuq. Sat-Tlieta ta' qabel l-inċident beda t-tarmak minn San Niklaw għax żviluppat ħsara fl-impjant. Ir-resurfacing kompla din il-ġimgħa iżda l-aħħar 30 metru ma jistax jitkompla. Twaħħlu diversi tabelli tat-traffiku fosthom: 30kmp/h, drive safely u tabelli li jindikaw li t-triq hija mserrpa. | Sindku |

**06. 6. Allokazzjoni Annwali - Sotto Kumitati**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 6. 1 | | Sinku: Jirrapporta | Is-Sindku spjega li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tnaqqset b'Eur14,000 fuq il-baġit li ġie ippreżentat mill-amministrazzjoni preċedenti, li l-Gvern attwali wieret in toto. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 6. 2 | iii | Sindku: Sotto Kumitati | Fid-dawl ta' dan is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iddeċidew li s-sotto kumitati tal-kunsillieri: Maria Dolores Abela, Joan Agius, Claude Camilleri, Sean Chircop, u Stephania Fenech, għandhom ikollhom is-somma allokata ta' Eur750 kull wieħed. Filwaqt li l-attivitajiet li ġejjin ser ikollhom il-capping kif ġej: Ġieħ iż-Żejtun Eur1,000, Xiri ta' Kotba Eur700, z@freak Eur2,000, Tislima Sajf Eur2,000, Kor tal-Milied Eur2,000. Is-Segretarju sostna li għall-ebda raġuni m'għandhom jinqabżu l-ammonti stipulati għal kull attivita'. L-ispejjeż ta' kull attivita oħra titnaqqas mill-baġit tas-sotto kumitat rispettiv. | |
| 06. 6. 2 | ii | Agius: Figolli | Agius staqsiet mil-liema sotto kumitat ser jitnaqqsu l-ispejjeż tal-figolli tal-persuni b'diżabilita' peress li dawn m'għadhomx fid-dekasteru tagħha. Ġie spjegat li dawn iridu jinqassmu bejn id-dekasteru tad-disabilita' u tat-tfal. Wara kull attivita għandu jitressaq rapport finanzjarju fuq formola li ħejja s-segretarjat. | |
| 06. 6. 3 | | Sindku: Attivitajiet | Is-Sindku spjega li f'kull attivita li jorganizza kunsillier partikolari, kull kunsillier huwa mistieden u huma mħeġġeġ jattendi. | |

**06. 7.** **Laqgħa ma' l-Onor. Ministru Joe Mizzi**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Waqt il-laqgħa li rappreżentanti tal-Kunsill kellhom mal-Ministru Joe Mizzi, l-Onor Ministru talab lill-Kunsill sabiex iħejji lista tal-bżonnijiet ta' xogħlijiet li l-Kunsill jixtieq li jsiru. Din il-lista qed titħejja u ser tintbagħat lill-Ministru fl-aqsar żmien possibli. | |
| 06. 7. 2 | | | Il-Kunsillier Caruana irrimarka li fin-naħa t'isfel ta' Malta ma sarux toroq b'fondi mill-Unjoni Ewropea. | |

**06. 8.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 8. 1 | | Proponenet: Hales<br>Sekondant: Camilleri | **Fuq proposta tal-Kunsillier Hales, il-Kunsill qabel li għandha issir zebra crossing fi Triq San Girgor bejn Triq Beland u Triq San Piju X.** Is-Segretarjat ġibed l-attenzjoni li biex din titressaq quddiem Trasport Malta, irid jitqabbad Perit. | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 8. 2 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Chircop | **Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li għandha tinfetaħ paġna fuq facebook bħala noticeboard tal-Kunsill bl-attivitajiet u proġetti ta' l-istess Kunsill iżda bla kummenti.** | Chircop |
| 06. 8. 3 | | Proponent: Hales<br>Skeondant: Abela | **Il-Kunsill qabel li jixtri dog litter bin sabiex jitwaħħal fi Triq Sant'Anġlu ħdejn it-tinda.** | Hales |

**06. 9. Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 1 | | Sindku: Handrail fi Ġnien iz-Zgħozija | Is-Sindku inkariga lil Hales sabiex tissewwa hand rail ta' l-injam maż-żurżieqa fil-bandli ta' Ġnien iż-Żgħozija. | Hales |
| 06. 9. 2 | | Fenech: No parking lines fi Triq Xandru Pulis | Il-Kunsilliera Fenech talbet sabiex isiru no parking lines għall-garaxxijiet fi Triq Xandru Pulis. | Sindku |
| 06. 9. 3 | | Fenech: Water Leakage | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar water leakage fi Triq id-Dulliegħ quddiem Andrew Abela. | |
| 06. 9. 4 | | Fenech: Dust Bin fl-entratura tal-Klabb tal-Boċċi | Fenech ġabet quddiem il-Kunsill talba tal-Klabb tal-Boċċi sabiex isir dust bin fl-entratura ta' l-istess klabb. | Hales |
| 06. 9. 5 | | Fenech: Patching | Fenech ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ħofra fi Triq Xrobb l-Għaġin k/m Ġnien tal-Kmandant. | Sindku |
| 06. 9. 6 | | Fenech: Attivita' High Ropes | Il-Kunsilliera Fenech infurmat il-Kunsill li nhar is-Sibt 11 ta' Mejju ser issir attivita' High Ropes għaż-żgħażagħ. | Fenech |
| 06. 9. 7 | | Fenech: Sezzjonijiet ta' l-Aerobics | Fenech tat tagħrif dwar is-sezzjonijiet ta' l-aerobics li sezzjoni qed issir fil-għodu u oħra fil-għaxija. Il-maġġoranza tal-parteċipanti huma Żwieten. | Fenech |
| . 9. 8 | | Fenech: Żjara minn coach Olandiz | Il-Kunsill ser jilqa' coach Olandiz li ser iżur liż-Żejtun Corinthians Nursery nhar is-16 ta' Mejju. | Sindku<br>Fenech |
| 06. 9. 9 | | Abela: Dar imwaqqa fi Triq il-Qadi | Il-Kunsilliera Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dar imwaqqa li qed isservi biex jintefa' skart u bankina mhux kontinwa fi Triq il-Qadi bejn dar VicTes u dar St. Catherine. | Hales |
| 06. 9. 10 | | Abela; Reklamar f'roundabouts | Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk jistax isir reklamar f'roundabouts. Il-Kunsill għandu bye-law dwar reklamar f'postijiet pubbliċi. | |
| 06. 9. 11 | | Hales: Mera tat-Traffiku | Hales talab sabiex issir mera fi Triq Xrobb l-Għaġin k/m Triq Hal Ġinwi. | Sindku |
| 06. 9. 12 | | Hales: Bus Shelter | Il-Kunsillier Hales talab sabiex jitnaddaf u jitranġa l-bus stop li hemm fi Triq Bir-id-Deheb k/m Triq il-Labour. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 9. 13 | Hales: Knis wara s-suq | Hales irraporta lill-Kunsill li l-Erbgħa li għaddew il-knis wara l-monti sar bejn il-11.30am u t-3.00pm. Dan mhux aċċettabli. Is-Sindku qal li l-Erbgħa li ġej ser jibgħat gwardjani lokali. | Hales |
| 06. 9. 14 | Hales: Un/loading Triq Sir Paul Boffa | Hales semma l-problema u l-inkonvenjent li qed tinħoloq lir-residenti ta' Triq Sir Paul Boffa minħabba d-deliveries tal-Lasco. Huwa talab sabiex jiġi avvċinat il-Lasco Supermarket sabeix id-deliveries ikunu aktar imqassma b'ordni u tintuża un/loading bay. | Sindku |
| 06. 9. 15 | Hales: Un/loading Triq A Cachia Zammit | Hales semma problema ta' parkeġġ li inħolqitilhom ir-residenti ta' Triq A. Cachia Zammit minħabba l-gym li fetaħ ftit taż-żmien ilu. Huwa talab sabiex issir un/loading quddiem l-istess gym. Is-Sindku spjega li un/loading bay tingħata lil min ibiegħ white goods iżda xorta waħda ser issir applikazzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Michael Farrugia dwar devoluzzjoni ta' l-art biswit il-gym f'Ġebel San Martin. | Sindku/ Agius |
| 06. 9. 16 | Hales: Mafkar f'Carlo Diacono: Bandiera tal-Kunsill | Il-Kunsillier Caruana ġie inkarigat sabiex itella l-bandiera tal-Kunsill mal-mafkar li hemm f'Misraħ Carlo Diacono kif ukoll fuq il-bini tal-Kunsill. | Caruana |
| 06. 9. 17 | Chircop: Patching | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isir il-patching tal-ħofor fil-parti ta' fuq ta' Triq Felicia Abela. | Sindku |
| 06. 9. 18 | Chircop: Railing tal-ħadid bejn Blokk C u D Ta' Gnaza | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isir railing tal-ħadid fi Trejqa bejn Blokk C u D f'Qasam Ta' Ganza. Il-Kunsilliera Agius spjegat li hemm proġett fejn dawn l-affarijiet qed induruhom. | Sindku |
| 06. 9. 19 | Chircop: Plots mitluqa | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar plots mitluqa fi Triq Bħajra u Triq Bettieħ mingħajr hoarding. Is-Sindku spjega li diġa' saru ezercizzju mill-Kunsillier Joseph Hales dwar il-plots vojta u abbandunati. Dan ir-rapport għadda wkoll lill-awtoritajiet rispettivi. Sfortunatament il-Kunsill m'għandux finanzi biex jibni l-hoardings ta' dawn il-plots. | Hales |
| 06. 9. 20 | Chircop: Sleeping Policeman fi Triq Dun Mikiel Cassar | Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kunsillier Chircop sabiex issir sleeping policeman fi Triq Dun Mikiel Cassar, meta dawn jinxtraw. | Sindku |
| 06. 9. 21 | Chircop: Board map | Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kunsillier Chircop sabiex tinbidel board map li għandha ħsara enstensiva f'Misraħ Carlo Diacono. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 9. 22 | Chircop: Laqgħat tal-Filatelija u Ilħna Poezija | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-laqgħa tal-grupp tal-filatelija qed issir kull l-aħħar Tlieta tax-xahar u l-grupp Ilħna Poezija ġie xolt u issa ser jingħaqad grupp tal-Letteratura. Il-Kunsill qabel li l-wirja tal-filatelija għandha tiċċaqlaq u issir f'Żejt iż-Żejtun. | |
| 06. 9. 23 | Chircop: Bibljoteka Nazzjonali | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li sar kuntatt miegħu mill-Bibljoteka Nazzjonali fejn dawn xtaqu l-firma fejn iż-Żejtun ġie elevat għal status ta' Citta' mill-Gran Mastru Hompesch fl-okkazjoni tal-wirja ta' l-Ordni ta' San Gwann. Dwar dan Chircop ser jagħmel kuntatt mal-Kanonku Joe Abela. | Chircop |
| 06. 9. 24 | Chircop: Valletta 2018 | Il-Kunsillier Chircop ġie avviċinat mill-kumitat ta' Valletta 2018 biex jara jekk il-Kunsill iridx ikun parti minn dan l-avveniment. Is-Sindku wieġeb li dan kien sar u anke iffirmajna id-dokumenti rilevanti u s-Sindku talab sabiex is-Sur Kirsten Xuereb jibgħat email ħalli jiltaqa' miegħu. | Sindku Chircop |
| 06. 9. 25 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop staqsa jekk Ġieh iż-Żejtun jistax jiddedika sena għal nies li mietu. Is-Sindku spjega li hija waħda mill-kriterji ta' Ġieh iż-Żejtun li dan il-ġieh ma jingħatax lill-persuna mejta iżda kienu saru bosta attivitajiet li fakkru Żwieten li għamlu unur liż-Zejtun fl-imgħoddi u jkun utili li jikkonsulta l-lista ta' dawn l-attivitajiet kommemorattivi. | Chircop |
| 06. 9. 26 | Hales: Reserved Parkings | Hales talab lill-Viċi-Sindku sabiex tiċċekkja jekk dawn ir-reserved parkings għadhomx jintużaw: 6 Triq Ta' Tavlin, Triq San Duminku u Triq Ħal Ġwann. | Viċi-Sindku |
| 06. 9. 27 | Caruana: quddiem Ta' Ganza | Il-Kunsillier Caruana reġa' talab sabiex isiru l-parkings bays quddiem Ta' Ganza peress li n-nies qed jilmentaw li mhumiex qed isibu parkeġġ. Huwa irraporta l-kwantita' ta' skart li qed itir fil-biċċa l-imħarrbta. Is-Sindku spjega li it-tisbiħ ta' dan il-misraħ qiegħed fil-lista ta' xogħlijiet li ser isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill. | Sindku |
| 06. 9. 28 | Caruana: Road Marking | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jikber il-parking bay ta' Ferriġġi fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' għax qed ikun ta' ostaklu għal tal-garaxx. | Sindku |
| 06. 9. 29 | Caruana: Triq il-Bies | Caruana informa lill-Kunsill dwar ċint li qed ikun nieqes mill-bricks fi Triq il-Bies. | |
| 06. 9. 30 | Caruana: Arblu fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex l-arblu ta' fejn l-għassa jitneħħa minħabba l-periklu eżistenti u kif ukoll jitranġa t-tarmak għoli li hemm f'din iż-żona. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 9. 31 | Caruana: Letterheads tal-Kusnill | Il-Kunsillier Caruana ġbed l-attenzjoni dwar il-letterheads tal-Kunsill. Is-Segretarjat wieġeb li bħalissa għadhom qed jintużaw l-antiki. | Segretarjat |
| 06. 9. 32 | Chircop: Aġġornament tal-website | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isir l-aġġornament tal-website ta' lc@gov.mt. **Il-Kunsill laqa' din it-talba.** | Segretarjat |
| 06. 9. 33 | Chircop: Kotba Zmenijiet tan-Nofs | Chircop staqsa kemm il-kopja fadal tal-ktieb Iż-Żejtun fiż-Żmenijiet tan-Nofs. Is-Sindku talab sabiex jiġi ċċekkjat mal-Customer Care. | Chircop |
| 06. 9. 34 | Camilleri: Life long learning courses | Camilleri spjega lill-Kunsill dwar korsijiet li ser isiru flimkien ma' l-Istitut Paolo Freire fil-Malti, Ingliż Maths, Behaviour Challenges u kif tgħin lit-tfal fil-homework. Il-prezz ta' dawn il-korsijiet ser ikun ta' Eur18.63. | Camilleri |
| 06. 9. 35 | Camilleri; Mera fi Triq il-Qadi | Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar mera mdawwra u maħmuġa fi Triq il-Qadi. | Sindku |
| 06. 9. 36 | Camilleri: Manutenzjoni ta' l-Iskola Primarja u Kindergarten | Camilleri talab sabiex jiġi avviċinat id-Direttur Ġenerali kif ukoll il-Ministru Evarist Bartolo dwar il-manutenzjoni li għandha bżonn l-iskola primarja kif ukoll il-Kindergarten. | Segretarjat |
| 06. 9. 37 | Agius: Rails - CDCC | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser isiru rails fic-Child Day Care Centre minħabba s-safety tat-tfal. Is-Sinjura Janice Abela Crompton ser terġa' tkun Malta f'nofs Ġunju meta kienet ser tkun ċelebrata l-festa tal-lokal, li issa tħassret hekk kif tħabbar illum mill-Kurja ta' l-Arċisqof. | Agius |
| 06. 9. 38 | Agius: Bankina fi Triq Madonna tal-Hniena | Agius talbet sabiex issir il-manutenzjoni tal-bankina ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena. | Sindku |
| 06. 9. 39 | Agius: Green Bags | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li fil-weekend li ġej ser isisr it-tqassim tal-boroz il-ħodor. Ser jibda jinġabar ukoll il-ħġieġ kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar minn Ġunju. | Agius |
| 06. 9. 40 | Agius: Bring in site | Agius ressqet quddiem il-Kunsill it-talba taż-Żejtun għal bring in site fid-Dar ta' l-Anzjani. Hija staqsiet ukoll fejn jinsab il-bins li kien hemm taċ-ċimiterju. | Abela Caruana |
| 06. 9. 41 | Viċi-Sindku: Fanal ġdid | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir fanal ġdid fi Triq Dun Mikiel Cassar. Din it-talba trid titressaq lill-Enemalta. | Sindku |
| 06. 9. 42 | Viċi-Sindku: Bankijiet quddiem l-Oratorju | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jinbidlu l-bankijiet quddiem l-Oratorju. Is-Sindku spjega li dwar din iż-żona il-Kunsill issottometta proġett li jekk jiġi aċċettat il-bankijiet jinbidlu peress li huma parti mill-istess proġett. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 43 | Viċi-Sindku: Bankijiet ħdejn il-kiosk | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isiru bankijiet ħdejn il-Kiosk tas-Sienja. Is-Sindku spjega li tal-Kiosk ikollu s-siġġijiet peress li dik iż-żona skond il-kuntratt hija fdata lilu. | |
| 06. 9. 44 | Viċi-Sindku: Tabella Belt Beland | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tinbidel it-tabelli ta' Vjal 25 ta' Novembru sabiex din issir Belt Beland u mhux Citta' Beland. Is-Sindku spjega li dawn huma skond il-protocol ufficjali. | |
| 06. 9. 45 | Viċi-Sindku: Yellow Lines fi Triq Dun Gwann Farrugia | Il-Viċi-Sindku talab għal yellow lines quddiem garaxx fi Triq Dun Ġwann Farrugia. | Sindku |
| 06. 9. 46 | Viċi-Sindku: Laqgħa mal-MEUSAC | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir laqgħa mal-MEUSAC dwar il-programmi ta' l-EU. | Viċi-Sindku |
| 06. 9. 47 | Sindku: AKL: Proġetti EU | Is-Sindku spjega li l-AKL iridu żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-20 sena sabiex jitilgħu barra minn Malta bejn l-14 u l-21 ta' Mejju. Dan ser jingħataw lura 50% ta' l-ispejjeż tal-vjaġġ. Fenech irrimarkat li r-rimbors suppost ikun ta' 70%. | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.45pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv